SKEMA TA' L-AWTORITÀ TAX-XANDIR
dwar
XANIRIET GĦAR-REFERENDUM 2003
REGOLAMENTI

L-EWWEL TAQSIMA:
SKEMA MIFTUĦA GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-PARTITI POLITIĊI

PROĊEDURA ĠENERALI

1. L-iskema ta' xandiriet għar-referendum miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-partiti politiċi tikkonsisti f'Konferenzi Stampa, Dibattiti, Produzzjonijiet mtella' mill-Partiti, u *Spots* Politiċi. It-tqassim ta' ħin u programmi huwa skond kif jidher hawn taħt:

PROGRAMMI	MLP	PN	AD
Konferenzi stampa	3 x 60'	3 x 60'	1 x 60'
7 Dibattiti maqsumin kif ġej:			
Ftuħ	MLP	PN	---
5 Dibattiti	MLP	PN	AD
Għeluq	MLP	PN	---
Produzzjonijiet tal-Partiti u Spots Politiċi	100 minuta	100 minuta	55 minuta

2. Il-programmi kollha f'din l-Iskema qed jiġu trasmessi taħt l-awspiċi ta' l-Awtorità tax-Xandir (li żżomm d-dritt tal-*copyright*) u jixxandru fuq l-istazzjonijiet tal-*Public Broadcasting Services Ltd.*

3. Ix-xandiriet għar-referendum jibdew nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2003 u jintemmu nhar il-Ħamis, 6 ta' Marzu 2003. Ix-xandiriet jiġu trasmessi skond kif jidher fil-kalendarju f'Appendiċi I.

4. Jekk xi partit ma jagħmilx użu mill-programm allokat għalih fil-jum tat-trasmissjoni, jitlef id-dritt tal-programm u l-ħin allokat għalih. F'każ bħal dan l-Awtorità tinforma lill-pubbliku permezz ta' avviż li jixxandar fil-ħin li suppost kellu jkun trasmess il-programm.

5. Rappreżentanti tal-partiti, u dawk kollha li se jieħdu sehem f'din l-iskema għandhom joqogħdu għall-provvedimenti tal-Kostituzzjoni, ta' l-Att dwar ix-Xandir, ta' l-Att dwar l-Istampa, għar-regolamenti maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir, u għal kull direttiva mogħtija miċ-Chairperson li jkun inkarigat li jmexxi l-programm. Id-deċiżjoni ta' l-Awtorità fuq xi punti li jistgħu jinqalgħu b'konessjoni ma' dawn ix-xandiriet tkun finali.

6. Fejn mhux diġa' indikat, tagħrif dwar il-parteċipanti tal-programm u s-suġġetti għandhom jaslu għand l-Awtorità ġurnata qabel it-trasmissjoni tal-programm (eskluži Sibtijiet, il-Ħdud u festi nazzjonali u pubbliċi).

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

7. Minbarra fejn din il-proċedura tindika mod ieħor, il-programmi jiġu trasmessi f'xandiriet diretti minn fuq TVM u Radju Malta fl-istess ħin fit-8.35 p.m. b'repetizzjoni fuq Channel 12 l-għada fis-7.00p.m.

8. L-ebda persuna li mhix awtorizzata, ma titħalla tidħol f'Television House waqt it-trasmissjoni tal-programmi. Dawk li jitħallew jidħlu - normalment mhux aktar minn tnejn minn kull partit - irid ikollhom permess mill-Awtorità tax-Xandir.

9. Għal din it-taqsima ta' l-iskema ta' xandiriet għar-referendum ġew imfassla dawn l-arranġamenti:

KONFERENZI STAMPA

10. L-Awtorità qed talloka lill-Partit Laburista tliet programmi ta' 60 minuta, lill-Partit Nazzjonalista tliet programmi ta' 60 minuta u lill-Alternattiva Demokratika programm wieħed ta' 60 minuta.

It-tqassim tal-ħin ser ikun hekk:

Introduzzjoni miċ-Chairperson	1 min
Ftuħ mill-Kelliemi	3 min
Mistoqsijiet u tweġibiet	50 min
Egħluq mill-Kelliemi	5 min
Konklużjoni miċ-Chairperson	1 min

11. Il-partiti jistgħu jħallu lill-ġurnalisti jressqu l-mistoqsijiet fuq liema suġġett iridu jew jagħżlu suġġett huma. F'kull każ l-Awtorità għandha tkun mgħarrfa sa mhux aktar tard minn jumejn qabel it-trasmissjoni tal-programm (eskluži s-Sibt, il-Ħadd u festi nazzjonali u pubbliċi) dwar is-suġġett magħżul. Is-suġġett magħżul irid ikun marbut mar-referendum.

12. Il-mistoqsijiet tal-ġurnalisti għandhom ikunu konċizi u relevanti u fejn hemm suġġett, relatati miegħu. Iċ-Chairperson għandu l-Awtorità li jara li l-mistoqsijiet ikunu skond il-proċedura.

13. L-għażla tal-gazzetti jew stazzjonijiet tax-xandir għal dawn il-Konferenzi Stampa tkun regolata skond il-lista li tidher f'Appendiċi II. L-ordni li fiha jieħdu sehem il-ġurnalisti tkun deċiża bix-xorti.

14. Il-kelliema tal-partiti jistgħu jkunu akkumpanjati minn persuna oħra li wkoll tista' tindirizza l-Konferenza.

DIBATTITI

15. Matul din is-sensiela ta' programmi se jkun hemm seba' dibattiti ta' 60 minuta l-wieħed mqassma hekk:

i) dibattitu tal-ftuħ li jikkonsisti minn programm li fih jieħdu sehem il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għall-Partit Nazzjonalista u x-*Shadow Minister* għall-Affarijiet Barranin għall-Partit Laburista;

ii) ħames programmi, b'suġġetti magħżula tnejn mill-Partit Laburista, tnejn mill-Partit Nazzjonalista u wieħed mill-Alternattiva Demokratika. Skond id-deċiżjoni tal-partit li jkun imissu jagħżel is-suġġett, il-partiti jkunu rappreżentati jew minn kelliem wieħed jew minn żewġ kelliema għal kull partit;

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

iii) dibattitu ta' l-għeluq li jikkonsisti minn programm li fih jieħdu sehem il-Kap tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Partit Laburista.

16. It-tqassim tal-ħin għal dawn id-dibattiti se jkun hekk:

a) Dibattitu bejn il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għall-Partit Nazzjonalista u x-*Shadow Minister* ta' l-Affarijiet Barranin għall-Partit Laburista; u
b) dibattitu bejn il-Mexxejja tal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista

Ftuħ miċ-Chairperson	1 min
Partit Nazzjonalista	3 min
Partit Laburista	3 min
Partit Nazzjonalista	5 min
Partit Laburista	5 min
Partit Nazzjonalista	5 min
Partit Laburista	10 min
Partit Nazzjonalista	10 min
Partit Laburista	11 min
Partit Nazzjonalista	6 min
Għeluq miċ-Chairperson	1 min

l-Ħames Dibattiti oħra

Ftuħ miċ-Chairperson 1 min

Wara l-ftuħ ta' minuta miċ-Chairperson ikun hemm erba' *rounds* li fihom il-ħin jiġi allokat kif ġej:

L-Ewwel Round:		*It-Tieni Round:*		*It-Tielet Round*		*Ir-Raba' Round*	
PN	6 min	MLP	6 min	AD	3 min	AD	2 min
MLP	6 min	AD	3 min	PN	6 min	MLP	5 min
AD	3 min	PN	6 min	MLP	6 min	PN	5 min
	15 min		15 min		15 min		12 min

Għeluq miċ-Chairperson 1 min

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Ir-*running order* tal-ħames dibattiti huwa kif ġej:

L-Ewwel Programm	It-Tieni Programm	It-Tielet Programm	Ir-Raba' Programm	Il-Ħames Programm
MLP AD PN	PN MLP AD	AD MLP PN	PN MLP AD	MLP AD PN
AD PN MLP	MLP AD PN	MLP AD PN	MLP AD PN	AD PN MLP
AD MLP PN	AD PN MLP	AD PN MLP	AD PN MLP	AD MLP PN
AD PN MLP	AD MLP PN	PN MLP AD	AD MLP PN	AD PN MLP

17. F'din is-serje ta' dibattiti jkun hemm ukoll dawn l-arranġamenti:

    i) Għad-dibattitu bejn il-mexxejja tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista u bejn il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u x-*Shadow Minister* għall-Affarijiet Barranin ma jkunx hemm suġġett speċifiku;

    ii) għall-ħames dibattiti allokati lill-Partit Laburista, lill-Partit Nazzjonalista u lill-Alternattiva Demokratika, il-partit li jiftaħ u jagħlaq il-programm għandu jagħżel ukoll is-suġġett;

    iii) m'għandux ikun hemm f'ebda wieħed mid-dibattiti materjal viżwali;

    iv) il-ftuħ u l-għeluq tad-dibattitu bejn il-mexxejja tal-P.N. u l-M.L.P. għandu jsir mill-mexxej tal-P.N.

18. Għar-rigward ta' tagħrif meħtieġ mill-Awtorità dwar parteċipanti u suġġetti tal-programmi japplika wkoll regolament numru 6.

PRODUZZJONIJIET TAL-PARTITI U SPOTS POLITIĊI

19. Din it-taqsima ta' l-iskema tikkonsisti f'allokazzjoni ta' 100 minuta lill-Partit Laburista, 100 minuta lill-Partit Nazzjonalista u 55 minuta lill-Alternattiva Demokratika għal spots politiċi u produzzjonijiet tal-partiti. Il-partit konċernat għandu jiddeċiedi kemm il-produzzjoni tal-partit u spot politiku jagħmel basta illi produzzjoni tal-partit ma tkunx itwal minn għaxar minuti u spot politiku ma jkunx aqsar minn 5 sekondi u mhux itwal minn 60 sekonda.

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

20. L-ispots politiċi jixxandru fil-ġurnata li jagħżlu l-partiti politiċi skond l-arranġamenti msemmija f'paragrafu 22, u għandhom jiġu skedati fil-*breaks* allokati għar-reklamar mill-PBS, bejn jew matul il-programmi.

21. Il-produzzjonijiet tal-partiti jiġu mxandra wara l-aħbarijiet tat-8.00p.m. ta' TVM. Jekk ikun hemm aktar minn *booking* wieħed, l-għażla dwar kif dawn jixxandru ssir bil-polza. Il-partiti politiċi jiġu mgħarrfa bid-data u bil-ħin li fiha tkun se titla' l-polza biex jekk huma jixtiequ jkunu preżenti għat-tlugħ tal-polza jkunu jistgħu jagħmlu dan.

22. Jiġu aċċettati massimu ta' 10 minuti ta' spots politiċi għal kull ġurnata li jiġu skedati mill-Awtorità b'mod ekwu. Sabiex l-Awtorità tkun tista' tiskeda sew dawn l-ispots politiċi b'mod ekwu, iċ-Chief Executive jew delegat tiegħu għandu jikkoordina l-iskedar tagħhom mas-Segretarju Ġenerali jew delegat tiegħu ta' kull partit politiku.

23. Fil-jum tar-referendum u lejliet il-jum tar-referendum ma jista' jixxandar l-ebda *spot* politiku jew produzzjoni tal-partit.

24. Il-partiti li qed jipparteċipaw f'din l-iskema jintrabtu skond l-*indemnity form* li tinsab f'Appendiċi III ta' din l-iskema. In-nuqqas li partit jiffirma u jintrabat ma' l-*Indemnity Form* ifisser li dak il-partit mhux fi ħsiebu jipparteċipa fl-iskema kollha kemm hi.

25. Il-produzzjonijiet tal-partiti u l-ispots politiċi għandhom jinkludu l-*logo* tal-partit li għandu jintwera tul il-ħin kollu b'mod li jinqara sew fil-ġenb ta' l-*iscreen*.

26. M'għandu jkun hemm l-ebda *close-ups* fil-produzzjonijiet tal-partiti u fl-ispots politiċi tal-membri tal-pubbliku sakemm il-partit in kwistjoni ma jkunx talab u ġab awtorizzazzjoni bil-miktub mill-persuna konċernata. Din l-awtorizzazzjoni tkun trid tintbagħat lill-Awtorità flimkien mal-produzzjoni tal-partit jew ma' l-ispot politiku.

27. L-Awtorità qed tagħti direttiva lill-PBS Ltd. biex ixxandar dawn il-produzzjonijiet tal-partiti u spots politiċi kollha mingħajr il-ħtieġa ta' *vetting*.

IT-TIENI TAQSIMA:
SKEMA MIFTUĦA GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-MOVIMENTI REFERENDARJI

28. L-iskema ta' xandiriet għar-referendum miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-movimenti referendarji tikkonsisti f'erba' dibattiti ta' siegħa kull wieħed.

29. Il-movimenti referendarji li qed jipparteċipaw f'din l-iskema huma:
a) il-Moviment Ewropew (ME)
b) il-Kampanja Ħelsien Nazzjonali (CNI)
c) il-Front Maltin Inqumu (FMI)
d) il-Moviment Iva Malta fl-Ewropa (IVA)

30. Kull wieħed mill-movimenti imsemmija fil-paragrafu 29 t'hawn fuq għandu d-dritt li jissuġġerixxi lill-Awtorità s-suġġett ta' programm wieħed f'din l-iskema ta' diskussjonijiet. L-għażla tas-suġġetti tkun vestita fl-Awtorità.

31. Iċ-chairpersons tad-dibattiti jkunu dawk imsemmija f'Appendiċi IV ta' din l-iskema.

32. It-tqassim tal-ħin għal dawn l-erba' dibattiti se jkun hekk:

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Ftuħ miċ-Chairperson - 1 min.

L-Ewwel *Round*	It-Tieni *Round*	It-Tielet *Round*
CNI - 5 min	CNI - 5 min	CNI - 4 min
IVA - 5 min	IVA - 5 min	IVA - 4 min
FMI - 5 min	FMI - 5 min	FMI - 4 min
ME - 5 min	ME - 5 min	ME - 4 min

Għeluq miċ-Chairperson - 1 min.

Ir-*running order* ta' dawn l-erba' programmi se jkun kif ġej:

L-Ewwel Programm	**It-Tieni Programm**	**It-Tielet Programm**	**Ir-Raba' Programm**
CNI	IVA	FMI	ME
IVA	FMI	ME	CNI
FMI	ME	CNI	IVA
ME	CNI	IVA	FMI
CNI	IVA	FMI	ME
IVA	FMI	ME	CNI
FMI	ME	CNI	IVA
ME	CNI	IVA	FMI
CNI	IVA	FMI	ME
IVA	FMI	ME	CNI
FMI	ME	CNI	IVA
ME	CNI	IVA	FMI

33. Għar-rigward ta' tagħrif meħtieġ mill-Awtorità dwar parteċipanti japplika wkoll regolament numru 6.

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

IT-TIELET TAQSIMA: SKEMA GĦALL-KORPI KOSTITWITI

34. Għandu jkun hemm numru ta' *slots* li fihom jipparteċipaw il-korpi kostitwiti. Dawn l-*islots* ikunu dwar dawn is-suġġetti:
    a) ħaddiema
    b) ambjent
    c) aspett finanzjarju
    d) biedja u sajd.

35. Il-korpi kostitwiti li għandhom jiġu mistiedna huma dawn li ġejjin:

    a) *Ħaddiema*: GWU, UHM, MEA;
    b) *Ambjent:* Birdlife, Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti;
    c) *Aspett Finanzjarju:* Chamber of Commerce, Federation of Industry, GRTU, MHRA, GHIMA;
    d) *Biedja u Sajd*: Farmers Central Cooperative Society, Għaqda Bdiewa Progressivi, Kooperattiva Nazzjonali tas-Sajd u Għaqda Kooperattiva tas-Sajd.

36. Kull korp kostitwit imsemmi fil-paragrafu 35 ikollu *slot* ta' ħames minuti fejn ikun jista' jinforma lit-telespettatur dwar il-pożizzjoni li dak il-korp ikun ħa dwar l-Unjoni Ewropea jew alternattivi għaliha.

37. Dawn l-*islots* għandu jkollhom bħala format dak ta' intervista.

IR-RABA' TAQSIMA:
SKEMA TA' XANDIR TA' PRODUZZJONIJIET TAL-PARTITI U SPOTS POLITIĊI FUQ L-ISTAZZJONIJIET POLITIĊI

38. Il-Partit Nazzjonalista qed jingħata sa massimu ta' għoxrin minuta kuljum ta' produzzjonijiet tal-partit u spots politiċi fuq NET TV u sa massimu ta' għoxrin minuta kuljum ta' produzzjonijiet tal-partit u spots politiċi fuq Radio 101.

39. Il-Partit Laburista qed jingħata sa massimu ta' għoxrin minuta kuljum ta' produzzjonijiet tal-partit u spots politiċi fuq Super 1 TV u sa massimu ta' għoxrin minuta kuljum ta' produzzjonijiet tal-partit u spots politiċi fuq Super 1 Radio.

40. Alternattiva Demokratika qed tingħata sa massimu ta' għoxrin minuta kuljum ta' produzzjonijiet tal-partit u spots politiċi fuq Capital Radio.

41. Il-produzzjonijiet tal-partiti u l-ispots politiċi mxandra fuq l-istazzjonijiet tal-partiti (NET TV, Radio 101, Super 1 TV, Super 1 Radio u Capital Radio) jistgħu jixxandru f'kull ħin tal-ġurnata.

42. Il-partiti politiċi jridu jinfurmaw lill-Awtorità bil-*bookings* tagħhom sa mhux aktar tard minn ġurnata wara l-jum tat-trasmissjoni.

43. Il-paragrafi 23, 24 u 26 ta' din l-iskema japplikaw għal dawn l-ispots.

Il-ĦAMES TAQSIMA:
SETGĦAT TA' L-AWTORITÀ TAX-XANDIR

44. Minkejja dak kollu li jingħad fil-paragrafi preċedenti ta' din l-iskema, l-Awtorità tirriserva d-dritt li tbiddel kull wieħed mill-paragrafi preċedenti f'din l-iskema ta' xandiriet għar-referendum taħt l-erba' taqsimiet tagħha f'kull stadju kif ukoll li żżid magħha permezz ta' direttiva li hija tista' toħroġ minn żmien għal żmien.

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Appendiċi I

CHAIRPERSONS
GĦALL-KONFERENZI STAMPA U GĦAD-DIBATTITI
Frar - Marzu 2003

Tnejn	Tlieta	Erbgħa	Ħamis	Ġimgħa	Sibt	Ħadd
3	4 **Prof. Pirotta** Dibattitu Ftuħ PN - MLP (MFA - SMFA)	5 **Prof. Scicluna** Dibattitu Movimenti 1	6	7	8 **Prof Scicluna** Korpi Kostitwiti Ħaddiema	9
10 **Catherine Galea** Dibattitu Partiti 1	11 **Prof. Pirotta** Konferenza Stampa PN	12 **Prof. Scicluna** Dibattitu Movimenti 2	13 **Eucharist Abela** Konferenza Stampa AD	14 **Eucharist Abela** Konferenza Stampa MLP	15 **Prof Scicluna** Korpi Kostitwiti Ambjent	16
17 **Dr Sandra Sladden** Dibattitu Partiti 2	18 **Prof Pirotta** Konferenza Stampa MLP	19	20 **Prof. Scicluna** Dibattitu Movimenti 3	21 **Catherine Galea** Konferenza Stampa PN	22 **Prof Scicluna** Korpi Kostitwiti Finanzi	23
24 **Dr Sladden** Konferenza Stampa MLP	25 **Prof Pirotta** Dibattitu Partiti 3	26	27 **Dr Sladden** Dibattitu Partiti 4	28 **Eucharist Abela** Konferenza Stampa PN	1 **Prof Scicluna** Korpi Kostitwiti Biedja u Sajd	2
3 **Dr Sladden** Dibattitu Partiti 5	4 **Prof Scicluna** Dibattitu Movimenti 4	5 **Catherine Galea** Dibattitu Għeluq Kap PN/ Kap MLP	6	7 Jum tas-silenzju	8 Jum ir-Refe-rendum	

L-iskema ta' Xandiriet għar-referendum tinkludi spots politiċi u produzzjonijiet tal-partiti.
Fil-każ ta' produzzjonijiet tal-partiti u spots politiċi dawn jistgħu jibdew b'effett immedjat minn nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2003.
Il-programmi tal-korpi kostitwiti jixxandru kull nhar ta' Sibt fl-9.45p.m. bejn is-Sibt, 8 ta' Frar 2003 u l-1 ta' Marzu 2003.

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Appendiċi II

XANDIRIET GĦAR-REFERENDUM

KONFERENZI STAMPA

Rappreżentanza tal-media fil-konferenzi stampa allokati lill-Partit Laburista

1. Stamperija Indipendenza	Capital Radio	Bay Radio	PBS	Live FM
2. Media link Comm. Co. Ltd.	Calypso Radio	RTK	Allied Newspapers	Standard Publications
3. Stamperija Indipendenza	Media link Comm. Co. Ltd	Allied Newspapers	Union Press	Malta Today

Rappreżentanza tal-media fil-konferenzi stampa allokati lill-Partit Nazzjonalista

1. Il-Gens	Union Press	Allied Newspapers	One Productions	Capital Radio
2. Sound Vision Print Ltd. (Kullħadd)	PBS	Union Press	Standard Publications	Calypso Radio
3.Consulting & Research Ltd. (maltastar.com)	One Productions	Allied Newspapers	Union Press	Bay Rado

Rappreżentanza tal-media fil-konferenza stampa allokata lill-Alternattiva Demokratika

Sound Vision Print Ltd. (Kullħadd)	Stamperija Indipendenza	Allied Newspapers	Standard Publications	Union Press

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Appendiċi III

Form of Indemnity in connection with Referendum Broadcasts

Today the day of February 2003, each of the parties here undersigned taking part in the scheme of referendum broadcasts organized by the Broadcasting Authority shall not knowingly include in any party production or political spot provided by them in any manner whatsoever and in particular whether by way of visual images, sounds, words, music, pictorial representations or actions any defamatory, seditious, libellous, offensive or any matter which constitutes an injurious falsehood or slander of title or any tort or of an infringement of any monopoly, copyright, trademark, patent or other similar criminal offence or contempt of court or breach or Parliamentary privilege or which violates the provisions of any law and shall at all times indemnify and keep the Authority, the carrier and the other parties participating in this scheme indemnified from and against all claims, costs, damages, penalties, expenses and proceedings occasioned to or incurred by the Authority and the parties in consequence of the inclusion (whether knowingly or not) in any party production or political spot provided by them of any such matter.

Provided that this indemnity is being limited to the extent that the Broadcasting Authority, the carrier and the other parties participating in this scheme may have as a result of the above been ordered to pay such claims, costs, damages, penalties, and expenses, judicial or otherwise, by a court of law in a final judgement.

Provided also that the Broadcasting Authority, the carrier and/or the other parties, as the case may be, shall not later than eight days after a claim is made inform the party concerned of the claim and/or judicial or other proceedings against them as aforesaid, and such party shall be entitled to assist and defend jointly with the Broadcasting Authority, the carrier and/or other party, the said claim.

For the purposes of this indemnity, “the carrier” means PBS Ltd. when the said party productions are broadcast on TVM, Channel 12 and Radju Malta or Super 1 TV, Super 1 Radio, NET TV, Radio 101 and Capital Radio, as the case may be which carries party productions and political spots of the Malta Labour Party, the Nationalist Party and Alternattiva Demokratika in terms of this Scheme.

For and on behalf of

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Chairpersons

A) Konferenzi Stampa u Dibattiti tal-partiti politiċi

Iċ-Chairpersons għad-dibattiti u l-konferenzi stampa tal-partiti politiċi huma dawn li ġejjin:

is-Sur Eucharist Abela
il-Professur Godfrey Pirotta
Dr Sandra Sladden
il-Perit Catherine Galea

B) Dibattiti tal-Movimenti Referendarji

Iċ-Chairperson għad-dibattiti tal-movimenti referendarji se jkun il-Professur Edward Scicluna.

C) *Slots* tal-Korpi Kostitwiti

L-intervistatur ta' l-islots tal-korpi kostitwiti se jkun il-Professur Edward Scicluna.

Skeda ta' Xandir *ta' Slots* għall-Korpi Kostitwiti

I - Il-Ħaddiema

Intervistatur:	Prof. Edward Scicluna
Parteċipanti:	General Workers Union Union Ħaddiema Magħqudin Malta Employers Association
Data u Ħin tar-*Recording*:	Il-Ħamis, 6 ta' Frar 2003 fil-5.30p.m.
Jixxandar:	Is-Sibt, 8 ta' Frar fl-9.45p.m.

II - Ambjent

Intervistatur:	Professur Edward Scicluna
Parteċipanti:	Birdlife Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti
Data u Ħin tar-*Recording*:	il-Ħamis, 13 ta' Frar 2003 fil-5.30p.m.
Jixxandar:	is-Sibt, 15 ta' Frar 2003 fl-9.45p.m.

III - L-Aspett Finanzjarju

Intervistatur:	Professur Edward Scicluna
Parteċipanti:	Kamra tal-Kummerċ Federazzjoni ta' l-Industrija MHRA Għaqda Imprendituri Maltin
Data u Ħin tar-*Recording*:	il-Ħamis, 20 ta' Frar 2003 fil-5.30p.m.
Jixxandar:	is-Sibt, 22 ta' Frar 2003 fl-9.45p.m.

IV - Biedja u Sajd

Intervistatur:		Professur Edward Scicluna
Parteċipanti:	a) Biedja	Farmers Central Cooperative Society Għaqda Bdiewa Progressivi
	b) Sajd	Kooperattiva Nazzjonali tas-Sajd Għaqda Kooperattiva tas-Sajd
Data u Ħin tar-*Recording*:		il-Ħamis, 27 ta' Frar 2003 fil-5.30p.m.
Jixxandar:		is-Sibt, 1 ta' Marzu 2003 fl-9.45p.m.

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Appendiċi VI

Suġġetti għall-Erba' Dibattiti
tal-Movimenti Referendarji

Data	Suġġett
l-Erbgħa, 5 ta' Frar 2003	Taxxi u Kontribuzzjonijiet ta' Malta
l-Erbgħa, 12 ta' Frar 2003	L-Aħjar Futur għal Uliedna
il-Ħamis, 20 ta' Frar 2003	Ko-operazzjoni Ekonomika skond iċ-¬irkostanzi ta' kull Pajjiż (FMI)
it-Tlieta, 4 ta' Marzu 2003	Il-Valuri fl-Unjoni Ewropea: id-Demokrazija u l-Libertajiet Fundamentali

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org

Appendix VII

Dibattiti tal-Partiti Politiċi

Data		**Partit li jagħżel is-suġġett**	**Parteċipanti**
4/02/03	Dibattitu tal-Ftuħ	-----	Dr Joe Borg (PN) Dr George Vella (MLP)
10/02/03	l-Ewwel Dibattitu	MLP	MLP/PN/AD
17/02/03	It-Tieni Dibattitu	PN	MLP/PN/AD
25/02/03	it-Tielet Dibattitu	AD	MLP/PN/AD
27/02/03	ir-Raba' Dibattitu	PN	MLP/PN/AD
03/03/03	il-Ħames Dibattitu	MLP	MLP/PN/AD
05/03/03	Dibattitu ta' l-Eġħluq	----	Dr E. Fenech Adami Dr Alfred Sant

7, Triq Mile End, HAMRUN HMR 02, Malta.
Tel: (+356) 2122 1281, 2124 7908
Fax: (+356) 2424 0855.
E-Mail: info@ba-malta.org